**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 7 t'April 2016**

**Pulizija**

**Spettur Yvonne Farrugia**

**Vs**

**Simon Gino Gauci**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Simon Gino Gauci, ta' 42 sena, bin Bartholomeo u Monica nee' Debono, imwieled Camperdown New South Wales l-Awstralja fit-2 t'Awwissu 1973, u li joqghod 33B Triq il-Makna tas-Serrar, Imsida. Detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 427289M;

Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-perjodu minn Gunju 2010 sa Lulju 2014, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt

haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen –ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh ta' aktar minn elfejn, tlett mija w disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Antonia Gauci ID. no. 690946M;

2) Ghamel qligh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' aktar minn elfejn, tlett mija w disgha w ghoxrin ewro w sebgha w tletin cenetzmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Antonia Gauci ID. no. 690946M;

3) Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn elfejn tlett mija w disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan ghad-dannu ta' Antonia Gauci ID. no. 690946M.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fis-7 t'April 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tittratta din il-kawza sommarjament mal-imputat;

Rat illi l-Qorti ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat huwa n-neputi tal-vittma, Antonia Gauci, li ghamlet zmien tghix l-Awstralja. Missieru, Bartolomeo, jigi huha. Ftit tas-snin ilu, Bartolomeo Gauci kien inghata prokura minn ohtu Antonia biex jamministralha xiflus taghha. Gara li l-imputat beda jizbanka dawn il-flus ta' zitu minghajr il-kunsens taghha u ta' missieru, biex b'hekk tul ftit snin hu ha ammont ta' flus ta' aktar minn ghoxrin elf Ewro, flus li kienu ta' Antonia Gauci u li kienu depositati fil-kont bankarju ta' missieru. Sar rapport lill-Pulizija dwar dan, u meta gie interrogat baqa' jinnega li kien ha l-flus ghalih, ghalkemm kien jidher li l-flus kollha li hu kien gibed spicca biex iddepositahom fil-kont bankarju personali tieghu.

Bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkusidra l-piena. Iz-zewg partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom, u peress illi hemm parentela bejn il-vittma u l-imputat, sar suggeriment li jkun aktar idoneju jekk is-sentenza tinkorpora ordni ta' hlas tal-ammont dovut.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 293, 308, 309 u 310 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni  u qieghda tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin skond l-Art. 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' ghoxrin elf euro (€20,000) lil Antonia Gauci fi zmien sitt (6) xhur, skond l-Art. 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**